MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2005

Appell Kriminali Numru. 137/2005

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Noel Ellul**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-31 ta' Lulju, 2004 ghall-habta tat-tmienja w nofs u hames minuti ta' filghodu, fi Triq il-Kosta, Salina limiti tan-Naxxar, saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAI-806:**
**1) b'manjiera traskurata;**
**2) perikoluza;**
**3) naqas li jsuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq;**
**4) waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura qasam il-linja l-bajda kontinwa;**
**5) b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-**

**regolamenti nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Samantha Mifsud skond kif iccertifikat it-tabiba Dr. Mary Rose Cassar M.D. tal-isptar San Luqa, Veronica Zammit u Roberta Bellizzi skond kif iccertifikat it-tabiba Dr. Julie Galea M.D tal-Isptar San Luqa u Theresa Zammit skond kif iccertifika t-tabib Dr. Rossi M.D tal-isptar San Luqa;**
**6) habat ma' vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBG-753 u nvolontarjament ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta' Theresa Zammit.**

**Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' April, 2005, li biha wara rat l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 226, 328 u 17(b) tal-kapitolu 9 u r-regolamenti 75 u 88 ta' l-Avviz Legali 128/94 kif emmendati w ikkundannat lill-imputat Noel Ellul ghal multa ta' elf lira Maltin (LM1000) u ordnat li jkun skwalifikat milli jzomm licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' sena.**

**Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta' Mejju, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka, tannulla w thassar is-sentenza appellata billi tirrevokaha, tannullaha w thassarha w tiddikjara lill-esponenti mhux hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu w kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni w piena, w f'kaz illi din il-Qorti ma tilqax dan l-appell fil-meridu hija qed tigi umilment mitluba sabiex tvarja w timmodifika l-piena billi tnaqqasha w taghti ohra aktar addatata fic-cirkostanzi tal-kaz.**

**Fliet l-atti kollha proceswali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- 1. li ma kien hemm xejn li jgieghel lill-Ewwel Qorti li tasal ghall-konkluzzjoni li l-versjoni tieghu ma kienetx wahda verosimili w ma kien hemm xejn inverosimili li vettura tipprova taqla' vettura ohra minn-naha ta' gewwa b' mod li appena li s-sewwieq jara li t-triq quddiemu qed tidjieq, huwa impulsivament jiehu dik l-azzjoni evaziva biex jevita l-**

**habta bil-konsegwenza li sfortunatament f' dak il-hin kienet gejja vettura ohra mid-direzzjoni opposta w habat maghha; 2. li s-sewqan tal-appellant fil-hin tal-incident ma jistax jigi deskritt bhala wiehed traskurat u perikoluz ghax hu sab ruhu f' sitwazzjoni ta' necessita' istantanja li ma kkagunahiex fuqu nnifsu imma din giet kagjoinata mill-vettura li ppruvat taqilghu minn gewwa. 3. li hu ma saqx fuq ix-xellug tat-triq mhux b' kapricc imma ghax kien sfurzat li johrog il-barra ; 4. li l-piena hija wahda esagerata meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha w l-fedina penali netta tieghu.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xhieda fl-udjenza tas-26 ta' Mejju, 2005;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi din il-kawza hija l-istraxxiku ta' incident li gara fit-triq tas-Salina, Salina Coast Road, ftit l-isfel mit-Torri tal-Ghallis,int hu sejjer lejn San Giljan. Hemm it-triq hija miksija bit-tarmac u maqsuma f' zewg karreggjati opposti b' linja bajda kontinwa fuq il-"*crown of the road".* Il-vettura GAI-806 misjuqa mill-appellant li kienet sejra fid-direzzjoni ta' SanPawl il-Bahar f' hin minnhom qasmet nofs it-triq u invadiet il-karreggjata opposta fejn habtet "*head on*" mall-vettura misjuqa minn Theresa Zammit li kienet qed tinsaq fid-direzzjoni opposta.**

THERESA ZAMMIT **xehdet li fil-31 ta' Lulju, 2004 ghall-habta tat-8.35 am kienet qed isuq lejn San Giljan u kellha maghha zewgt ibniet zghar . Rat car safra taqla' serbut karozzi u din spiccat dahlet gol-car taghha. Qabel hi kienet qed issuq b' xi 55 kfs u fuq in-**

**naha tat-triq taghha . Il-habta kienet "*head on*". Hi korriet u anki kellha l-milsa "*bruised*".**

In kontro-ezami xehdet li ma kienx hemm cars ohra quddiemha . Mhux veru dak li kien qed jigi suggerit lilha li dahlet xi car fuq ix-xellug tal-appellant u bezqithu 'l barra. L-appellant kien fis-serbut umbaghad hareg il barra. Ma kienx hemm spazju biex tidhol vettura bejn is-servbut ta' vetturi w l-hajt tax-xellug. Hi kienet fid-dritt. Meta hareg il barra kien xi zewg tulijiet ta' karozza boghod. Ma rieditx tahfirlu w tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali.

**PS 38 PAUL ZAHRA** xehed li meta kien kellem lill-appellant dan kien qallu li vettura bl-ewwel ittri tar-registrazzjoni taghha "AAI-", Honda Accord Silver, kienet qalghetu minn-naha ta' gewwa w hasditu w gibed lejn il-lemin u tilef il-kontroll u habat mall-car ta' Zammit . Hu pero' kien ghamel verifika w irrizultalu li ma kien hemm ebda vettura Accord bl-ittri tar-registrazzjoni "AAI ".

**L-APPELLANT** ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti w ergo ma setghax jixhed quddiem din il-Qorti.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tal-ewwel u t-tielet aggravji tal-appellant, ma hemmx dubju li bhala fatt l-vettura tal-appellant, biex habtet, qasmet nofs it-triq u marret "*wrong side*" u li din ic-cirkostanza hija minnha nnifisha prova ndizjarja ta' sewqan hazin da parti tal-appellant sakemm ma jaghtix xi spjegazzjoni plawsibbli – ghall-inqas sal-grad tal-probabbli – biex jispjega li dak li kien gara ma kienx tort tieghu.

**Illi ghal certu zmien il-Qrati taghna kienu jaqghu fuq id-dottrina ta' "*res ipsa loquitur*" f' kazijiet bhal dawn. Pero' din id-dottrina giet ezaminata "*funditus*" mill-Qorti tal-Appell tal-Maesta' Taghha r-Regina komposta mill-President Professur Sir Anthony Mamo u l-Imhallfin, l-Professur J.J. Cremona u Joseph Flores, fil-kawza : "**Edgar Zahra vs. Carmelo Vassallo" **deciza fil-5 t'April, 1971 . F'dik is-sentenza il-Qorti qalet hekk:-**

*"M'hemmx kwistjoni li din id-dottrina giet importata fil-gurisprudenza taghna mill-gurisprudenza Ingliza, li ghaliha f' materja ta' principji jew regoli ohra, il-Qrati Taghna frekwentement jirrikorru utilment . Rigward din il-massima tar-"res ipsa loquitur" jidher....minn diversi sentenzi ohra (e.g.Vol. XXXIII, iv. 934 , 968 , Vol. XXXVI . iv.764 ) li giet bosta drabi invokata u applikata anki fi proceduri kriminali mentri invece , fil-gurisprudenza Ingliza (minn fejn , kif intqal , hadniha ) il-massima ma tidhirx applikata hlief fil-kawzi civili dwar danni bazata fuq "negligence". Ghad illi f'materja ta' provi f'kawzi kriminali, hemm xi haga li tista' tixbaha, f'dawk li jissejhu prezunzjonijiet ta' fatt (e.g. dak tal-pussess recenti ta' hwejjeg misruqa ) il-massima "res ipsa loquitur", bhala tali, il-Qorti ma sabitha mkien applikata f'kawzi kriminali, u r-raguni ta' dan naturalment hija illi l-principju li jiddomina fi proceduri kriminali huwa illi bhala regola generali fondamentali, il-piz tal-prova bla dubju ragonevoli hu mixhut fuq il-prosekuzzjoni u, salvi dispozizzjonijiet espressi ta' ligi , jew regoli gurisprudenzjali eccezzjonalissimi li jiddisponu xort'ohra , ebda oneru ta' prova jew htiega ta' spjegazzjoni mhuma mixhutin fuq l-akkuzat jew imputat. Il-Qorti jidhrilha ill , apparti li f'kawzi kriminali il-massima m'ghandhiex ghall li gej tigi invokata jew applikata, anki f'kawzi civili citazzjonijiet u applikazzjonijiet taghha gja maghmula f'kawzi kriminali ghandhom jitharsu b'ghajn kritika...."*

**Illi aktar recentement din il-Qorti diversament preseduta addottat dan l-insenjament u qalet :-**

***"in kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali . In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti , allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact" . "These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact. It is not***

***obliged to draw them as a matter of law even if there is no further evidence*..”(**CROSS**. R. “On Evidence (Butterworths, London , 1979) p.124) (App.Krim.** Pol. vs. Claudia Camilleri **, per V. De Gaetano J. –[ 15.11.96])**

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali “**Il-Pulizija vs. James Abela**” [11.7.2002] tali prezunzjoni ta’ fatt tqum fejn meta l-fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika w naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghal prova ta’ sewqan hazin.

**Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f’materja ta’ incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista’ jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi w kulltant u, x’aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b’ dak li jissejjah “*esprit de voiture*”. Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta’ hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident . S’intendi bhal kull prova indiretta ohra iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka w li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta’ kriminali tal-imputat jew akkuzat. (Ara App. Krim. “**Il-Pulizija vs. James Abela**” gja fuq citata)**

**Issa meta qieset kollox, hija ukoll il-fehma ta’ din il-Qorti li l-versjoni moghtija *a tempo vergine* mill-appellant li gie spint il barra minn xi car li ppruvat tissorpassah minn gewwa, hija mhux biss michuda mix-xhieda guramentata ta’ Theresa Zammit li eskludiet b’ mod kategoriku li setghet dahlet xi car ohra bejn is-serbut ta’ cars li minnu emerga f’ daqqa l-appellant u l-hajt tax-xellug, b’ mod li spingietu ‘l barra, imma sahansitra hija anki mminata minnu stess meta jidher li, f’ tentattiv biex jaghmel din il-versjoni aktar kredibbli, vventa l-ewwel tlitt ittri tar-registrazzjoni tal-car li suppost qabzitu minn gewwa w**

**cioe' : "AAI-" , meta mill-verifika li ghamel PS ZAHRA rrizulta li ma kien hemm ebda car Accord b' dawk l-ittri ta' registrazzjoni.**

**Ghalkemm l-akkuzat mhu tenut li jipprova xejn u jista' joqghod sieket di fronti ghall-akkuza w l-provi li tressaq il-prosekuzzjoni, u, jekk igib xi provi, bizzejjed li dawn ikunu jwasslu sal-grad tal-probabbilita', una volta li jittanta jaghti xi spjegazzjoni, irid l-ewwel nett ikun kredibbli, konsistenti u konvincenti sal-grad tal-probabilta' f'dak li jghid. Kif sew osservat l-Ewwel Qorti l-appellant, fl-ispjegazzjonijiet li ghazel li jaghti ma kienx konvincenti biex jinnewtralizza il-piz qawwi tal-provi naxxenti mic-"*circumstantial evidence"* tad-dinamika tal-incident li rrizultaw . Ghalhekki din il-Qorti – bhall-Ewwel Qorti – tara li ma rrizultax, al menu sal-grad tal-probabbli, l-intervent ta' terzi - bhal xi emergenza krejata minn xi driver jew utent tat-triq l-iehor li setghu wasslu biex l-appellant tilef il-kontroll tal-car tieghu .**

**Illi umbaghad anki kieku ghall-grazzja tal-argument, il-versjoni tal-appellant kellha titwemmen, dan xorta wahda ma kienx jiggustifika lill-appellant li jmur kompletament *"wrong side*" kif ghamel u jinvadi l-karreggjata opposta. Kieku verament ra li kienet qed tevolvi s-sitwazzjoni minnu deskritta, r-rimedju kien li minnufieh jibbrejkjha w jhalli l-car l-ohra taqilghu w minnufieh jerga' jinserixxi ruhu warajha fil-"*proper side*" tieghu. Jekk m' gharafx jaghmel dan, dan ukoll hu evidenza ta' sewqan hazin, ghax "*l-imperizja fis-sewqan , bhas-sewqan hazin , hija htija."* (Appell Krim.** "Il-Pulizija. vs. J. Cost Chritien"**(Vol. XXXVII , iv. p.873) .**

**Ikkonsidrat;**

**Illi ghar-rigward tat-tieni aggravju tal-appellant, kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament , jekk sewqan hux (i)** negligent**i ; jew (ii)** bla kont **jew (iii)** perikoluz **hi kwistjoni ta' "**degree**". (App.Krim**. Pul. vs. Charles

Bartolo **[14.3.59] ;** Pul. vs. Wilson **[Vol. XXXIX p. 1018] u** Pul. vs. Alfred Vella **[Vol. XLIV ; p. 933] ) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom, l-aghar is-sewqan perikoluz. (App. Krim.** Pul. vs. Hardingham **, [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' *"recklessness*" (App. Krim.** Pul. vs. Charles Farrugia **[Vol.XXXIX p. 1018].) "Recklessness" giet defenita bhala "*wilfully shutting one's eye"* (App. Krim.** Pul. vs. Joseph Aquilina **, [20.4.1963] ). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim**. Pul. vs. Antonio Spiteri **, [Vol. XLIV , p.892] )**

**Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali :** "The Police vs. Gunner Brian Wilson**" [7.5.1955] li :-**

***"It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving."*** **(ara ukoll f' dan is-sens : App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Manwel Mallia" **[9.3.1959] u "**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo **" [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament)**

**Umbaghad fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes" **( [3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li ;-** ***"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari , imma ma hemmx bzonn li l-manuvra tikkonkretizza ruha f' konsegwenzi dizastruzi . Il-ligi in tema ta' sewqan perikoluz***

***tikkuntenta ruha bil-perikolu potenzjali u ma tridx il-perikolu tradott fir-realta'."***

**Illi fid-dawl ta' dan kollu, fil-fehma tal-Qorti l-agir tal-appellant kien jikkostitwixxi sewqan perikoluz, liema reat pero jassorbixxi dak taht l-ewwel imputazzjoni ta' sewqan b' manjiera traskurata, w dawk taht it-tielet w r-raba' imputazzjoni. Dan ir-reat a sua volta umbaghad hu ukoll assorbit fil-hames, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet ta' offizi nvolontarji w danni involontarji.**

**Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999],** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.) Issa l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghall-piena ta' elf lira (LM1000) multa w skwalifikatu mill-licenzji tieghu tas-sewqan ghal periodu ta' sena.**

**Illi skond l-artikolu 15 (1)(2) tal-Kap.65, ladarba l-Ewwel Qorti rriskontrat ir-reat ta' sewqan perikoluz, il-piena pekunjarja massima hija dik tal-multa ta' mhux izjed minn mitt lira jew tal-prigunerija ta' mhux izjed minn tlitt xhur. Illi umbaghad il-piena mhux karcerarja ghall-offizi ta' natura hafifa involontarji li jaqghu taht il-hames imputazzjoni hija dik tal-ammenda ta' mhux izjed minn hamsa w ghoxrin lira (LM25) (art. 226 (1) u (2), 7 (2) u 13 (1) tal-Kap. 9) fil-waqt li l-piena ghar-reat ta' danni involontarji skond l-artikolu 328 (d) hija l-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet. Skond l-artikolu 11(1) tal-Kap.9, fejn il-ligi ma tghidx espressament xort' ohra il-maximum tal-multa huwa hames mitt lira (LM500).**

**Konsegwentement l-Ewwel Qorti ma setghetx tikkundanna lill-appellant ghall-elf lira (LM1000) multa. Ghalhekk dan l-aggravju hu gustifikat.**

**Illi fir-rigward tal-iskwalifika mill-licenzji tas-sewqan, jinghid li skond l-artikolu 15 (1) (a) u (2) tal-Kap.65, meta r-reat ikun jikkonsisti f’ sewqan ta’ motor car b’ mod perikoluz – kif inhu f’ dan il-kaz – il-Qorti b’ zieda tal-pieni taht is-subartikolu (1) ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan, f’ kaz tal-ewwel kundanna, ghal zmien ta’ mhux inqas minn tlitt xhur, u f’ kaz tat-tieni kundanna jew kundanna ohra ohra ghal zmien ta’ mhux inqas minn sena. Issa kif jirrizulta mill-fedina penali aggornata tal-appellant, hu ghandu kondotta netta w din hija l-ewwel kundanna tieghu w konsegwenbtement il-minimu tas-sospensjoni hu ta’ tlitt xhur. Il-ligi ma tippreskrivix il-massimu tal-periodu tas-sospensjoni. L-Ewwel Qorti b’ dana kollu erogat il-minimu tas-sospenzjoni ghal min jigi kundannat darbtejn jew aktar li mhux il-kaz. Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandha tirriduci l-periodu tas-sospensjoni ghal wiehed ta’ sitt xhur.**

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh limitatament u s-sentenza appellata qed tigi riformata billi qed tigi konfermata fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, b’ dana li ghall-fini tal-piena, r-reati komprizi fl-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba w l-hames imputazzjoni qed jigu assorbiti fir-reat taht is-sitt imputazzjoni u qed tigi revokata in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-elf lira Maltin (LM1000) multa w minnflok qed tikkundanna lill-appellant ghal-multa ta’ hames mitt lira Maltin (LM500). w fejn skwalifikat lill-appellant mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-periodu ta’ sena u minnflok qed tiskwalifikah mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal periodu ta’ sitt xhur li jibdew minn-nofs il-lejl tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------